**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tlieta, 31 ta' Jannar, 2017**

Numru 24

**Rikors Guramentat Nru. 1103/2015**

**S&R (Handaq) Limited**

**vs**

**Korporazzjoni Malta Enterprise**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-20 ta' Novembru, 2015 li jghid hekk:

1. Illi is-socjeta rikorrenti S&R (Handaq) Limited topera fil-kummerc lokali u internazzjonali bhala manufattricl ta' prodotti taz-zebgha industrijali;

2. Illi nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju 2009, l-istess socjeta rikorrenti intavolat applikazzjoni mal-korporazzjoni intimata sabiex tinghata assistenza finanzjarja taht l-Operational Programme I - Cohesion Policy 2007 - 2013 skond l-ERDF International Competitiveness Grant Scheme Call 2 ghal-safar intiz sabiex tippromwovi l-attivita kummercjali taghha;

3. Illi nhar l-ewwel (1) ta' Dicembru 2009, il-korporazzjoni intimata baghtet ittra lis-socjeta rikorrenti fejn infurmat lill-istess illi l-applikazzjoni taghha datata id-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju 2009 giet accettata taht varji kundizzjonijiet enuncjati fi ftehim (bir-riferenza ERDFIAE2009-214) mibghut mal-istess ittra [kopja tal-ittra u tal-ftehim hawn annessi u immarkati "DOK. SRHL01"];

4. Illi wara li giet infurmata li l-applikazzjoni taghha giet accettata, is-socjeta rikorrenti, tramite r-rapprezentanti taghha, forniet lill-korporazzjoni intimata skeda ta' vjaggi li kien bi hsiebha tmur fuqhom bil-ghan li tippromwovi l-attivita kummercjali taghha. Is-socjeta rikorrenti baqghet ukoll issegwi l-proceduri stipulati fl-iskema

sabiex tressaq it-talbiet taghha ghar-rimbors ta' spejjez approvati fir-rigward ta' dan is-safar u baqghet f'kuntatt kontinwu mal-korporazzjoni intimata fejn hija konsistentement avzat lil-istess korporazzjoni dwar kif kienet ser tuza l-fondi lilha mwieghda [faxxikolu ta' ittri hawn anness u immarkat bhala "DOK. SRHL02"];

5. Illi minkejja li s-socjeta rikorrenti segwiet ir-regoli u l-obbligi imposti fuqha mill-korporazzjoni intimata, hija ma inghatet ebda rimbors kif kien imwieghed, ghalhekk, permezz ta' zewg ittri datati d-disgha (9) ta' Frar 2011 u s-sittax (16) ta' Marzu 2011, ir-rikorrenti interpellat lill-korporazzjoni intimata sabiex tipprovdi informazzjoni rigward dan in-nuqqas [ittri hawn annessi u mmarkati bhala "DOK. SRHL03" u "DOK. SRHL04" rispettivament];

6. Illi peress li z-zewg ittri surreferiti baqghu minghajr risposta, is-socjeta rikorrenti baghtet ittra ufficjali datata d-disgha u ghoxrin (29) ta' April 2011, li permezz taghha, filwaqt illi ghamlet referenza ghaz-zewg interpellazzjonijiet ta' qabel, interpellat lil-korporazzjoni intimata sabiex taghtiha risposta cara u konkreta ta' kif u meta kien behsiebha tirrifondi l-ammonti dovuta lill-esponenti skond l-ERDF International Competitiveness Grant Scheme Call 2 [kopja hawn annessa u mmarkata bhala "DOK. SRHL05"];

7. IIli l-esponenti ghal darba ohra regghet ma rceviet l-ebda risposta;

8. Illi sussegwentement, nhar l-erbatax (14) ta' Lulju 2011, is-socjeta rikorrenti, tramite r-rapprezentanti taghha "Tuning Fork - Business Optimization Partners", giet infurmata li l-korporazzjoni intimata kienet talbet sabiex sa mhux aktar tard mill-ewwel (1) ta' Awwissu 2011, is-socjeta rikorrenti tissottometti talba specifika ghall-arnmont kollu dovut lilha mill-korporazzjoni intimata u dan, kif jirriiulta mill-kopja tal-email mibghuta minn "Tuning Fork - Business Optimization Partners", [kopja hawn annessa u immarkata bhala "DOK. SRHL06"];

9. IIli s-socjeta rikorrenti ottemporat ruhha ma' din ir-rikjesta u permezz ta' ittra datata is-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju 2011, hija issottomettiet id-dokumenti kollha relattivi ghal din it-talba u illikwidat l-ammont dovut lilha f'total ta' wiehed u sittin elf, mija u tmienja u sittin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€61,168.55), liema ittra giet notifikata lill-Korporazzjoni intimata kif jirrizulta mill-annessi dokumenti [kopja tal- ittra u n-notifika hawn annessi u immarkati bhala "DOK. SRHL07");

10. Illi fit-tmienja (8) ta' Novembru, 2011, is-socjeta rikorrenti intavolat proceduri quddiem l-Onorabbli Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fl-ismijiet S&R (Handaq) Limited (C-5790) vs Korporazzjoni Malta Enterprise (Rikors numru 234/11VG), u dan stante l-fatt li ghal darba ohra, l-intimata, ma taghat l-ebda risposta lill-esponenti [kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala "DOK. SRHL08");

11. Illi permezz ta' dawn il-proceduri, is-socjeta rikorrenti talbet lit-Tribunal sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna, joghgbu:
(i) Jiddikjara illi d-decizjoni tal-korporazzjoni intimata li ma tirrifondiex l-ammonti li ghalihom hija ntitolata r-rikorrenti ghar-ragunijiet premessi hija irregolari; u konsegwentement;
(ii) Jikkundanna lill-istess korporazzjoni intimata tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ammontanti ghal wiehed u sittin elf, mija u tmienja u sittin ewro u hamsa u hamsin

centezmu (€61,168.55), jew somma verjuri li tigi minn dina l-Qorti llikwidata, rimbors ta' spejjez approvati fir-rigward ta' safar kif fuq spjegat ai termini tal-kuntratt tal-1 ta' Dicembru 2009 flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data ta' kull talba ghar-rifuzjoni sal-pagament effettiv;
(iii) Jiddikjara li l-agir tal-korporazzjoni intimata li ma tirrispondix ghal-varji interpellazzjonijiet tar-rikorrenti ghall-informazzjoni f'dan ir-rigward jammonta ghal-nuqqas serju amministrattiv fl-obbligazzjoni tal-korporazzjoni intimata milli tippromwovi l-intrapriza privata tas-socjeta rikorrenti kif rikjest mil-ligi vigenti.
Jikkundanna lill-korporazzjoni ntimata thallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, l-ispejjez legali ghall-pariri u ittri legali in konnessjoni ma' din il-vertenza.

12. Illi permezz tas-sentenza datata l-24 ta' Settembru, 2012, l-Onorabbli Tribunal astjena milli jiehu konjizzjoni tat-talbiet kif premessi mis-socjeta rikorrenti u ddikjara "li t-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma f'dan l-istadju improponibbli stante li s'issa l-Korporazzjoni intimata ghadha ma wettqet ebda att amministrattiv fir-rigward tat-talba tas-socjeta rikorrenti ghar-refuzjoni ta' spejjez ai termini tal-Grant Agreement datat 1 ta' Dicembru 2009 li jista' jew ghandu jaqa' taht l-iskutinju ta' dan it-Tribunal, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tal-istess socjeta rikorrenti."

13. Illi sussegwentement, u abbazi ta' din id-decizjoni, is-socjeta rikorrenti regghet baghatet diversi ittri legali lill-istess Korporazzjoni, liema ittri kienu datati t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru, 2012, it-tnejn (2) ta' Novembru, 2102, il-hmistax (15) ta' Marzu, 2013 u t-tnejn (2) ta' Settembru, 2013 fejn il-Korporazzjoni intimata intalbet sabiex din taghti risposta dwar kif u meta ser isir ir-rimbors [kopji tal-ittri hawn annessi u mmarkati bhala "DOK. SRHL09", "DOK. SRHL1O", "DOK. SRHL11" u "DOK. SRHL12"];

14. Illi s-socjeta rikorrenti ghadha sal-lum ma rceviet l-ebda risposta minn ghand il-korporazzjoni intimata;

15. Illi tali agir kjarament jiskatta il-provizjonijiet u l-effetti legali tal-artikolu 469A subinciz 2 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex kien evidenti li minkejja li saret it-talba bil-miktub, permezz tal-ittra ufficjali datata id-disgha u ghoxrin (29) ta' April, 2011, liema talba giet validament notifikata lill-awtorita, l-awtorita naqqset milli taghti decizjoni fi zmien it-terminu ta' xahrejn prefiss mil-ligi liema agir jikkostitwixxi rifjut skont dan l-istess artikolu;

16. Illi s-socjeta rikorrenti tirrileva ukoll li l-agir tal-korporazzjoni intimata qieghed kjarament jilledi d-drittijiet taghha, stante illi l-korporazzjoni intimata mhux biss qieghda tiddezisti milli taghmel il-hlas dovut lir-rikorrenti bhala rimbors ta' spejjez relattivi ghal safar approvat, u dan, minghajr ebda raguni valida fil-ligi, izda qieghda wkoll tmur kontra d-dettami tal-Kapitolu 463 tal-Ligijiet ta' Malta (L-Att dwar l-Intrapriza ta' Malta), liema Kapitolu jistipula l-procedura li ghandha issegwi l-istess korporazzjoni f'kaz illi thoss li xi beneficcju ma ghandux jinghata;

17. Illi inoltre, dan l-agir tal-Korporazzjoni intimata jmur ukoll kontra l-provizjonijiet tal-ligi illi jippromwovu x-xoghol, inkluz, l-artikolu tlieta (3) tal-istess Kapitolu 463 liema artikolu jezigi illi l-Gvern jikkopera mas-settur privat fil-promozzjoni tal-intrapriza privata f'Malta.

Ghaldaqstant, is-socjeta rikorrenti umilment titlob lii din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna, joghgobha:

(i) Tiddikjara illi l-agir tal-Korporazzjoni intimata li baqghet ma tat l-ebda risposta lis-socjeta rikorrenti dwar kif u meta kien behsiebha tirrifondi l-ammonti dovuta u dan minkejja diversi interpellazjonijiet, jikkonsisti rifjut ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Tiddikjara li l-Korporazzjoni intimata hija obbligat tirridondi lir-rikorrenti l-ispejjez inkorsi minnha kif fuq spjegat:
(iii) Tikkundanna lill-istess korporazzjoni intimata tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' wiehed u sittin elf, mija u tmienja u sittin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€61,168.55), jew somma verjuri li tigi minn dina l-Qorti llikwidata, in rapprezentanza ta' rimbors ta' spejjez approvati fir-rigward ta' safar kif fuq spjegat ai termini tal-kuntratt tal-1 ta' Dicembru 2009 flimkien rnal-imghaxijiet legali mid-data ta' kull talba ghar-rifuzjoni sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez gudizzjarji tal-ittri legali u tal-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali bl-oghla rata applikabbli ai termini tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-Korporazzjoni intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Korporazzjoni li tghid hekk:

1. Illi in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija perenta stante li ghadda z-zmien sabiex tigi proposta l-azzjoni u dana ai termini tal-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.(i) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess in linea preliminari, fil-konfront tal-ewwel talba, l-ittra interpellatorja datata 29 ta' April 2011 ma tistax tikkostitwixxi rifjut prezunt skond l-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi ma jirrizultax illi qabel id-29 ta' April 2011, is-socjeta rikorrenti kienet issottomettiet il-claim taghha sabiex din tkun tista' tigi evalwata ghab-bazi tal-Grant Agreement tal-1 ta' Dicembru 2009;
(ii) Illi ghalhekk ma sar l-ebda ghemil amministrattiv da parti tal-Korporazzjoni esponenti ai termini tal-artikolu 469A;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess in linea preliminari fil-konfront tat-tieni u t-tielet talba, il-karenza ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti milli tiehu konjizzjoni taghhom stante li l-kawza hija dwar ezercizzjoni ta' diskrezzjoni amministrattiva li ma tistax tigi sostitwita mill-Qorti peress li tikkostitwixxi talba lill-Qorti biex tezercita funzjonijiet amministrattivi li huma fdati f'idejn il-Korporazzjoni;

4. (i) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
(ii) Illi anke jekk kellu jitqies li kien hemm rifjut prezunt, dan ma jistax jitqies li jmur kontra l-ligi semplicement ghaliex huwa rifjut;
(iii) Illi l-pretensjoni attrici teccedi l-ammont massimu stipulat fil-Grant Agreement u inoltre l-ammont li jista' jkun eligibbli huwa ferm anqas minn dak pretiz kif jista' jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-Korporazzjoni esponenti mhijiex l-entita li effettivament tiehu decizjoni dwar l-approvazzjoni finali tal-progett u tal-ispejjez mitluba fejn si tratta ta' fondi li jidderivaw minn xi skema mnehdija taht ghajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea;

6. (i) IIIi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, il-Korporazzjoni esponenti ghandha dritt li temenda l-kundizzjonijiet tal-Grant Agreement skond kif jinnecessitaw zviluppi li jistghu jsehhu;
(ii) Illi fil-fatt tali zviluppi sehhew ghaliex ufficjali tas-socjeta rikorrenti gew misjuba hatja ta' diversi akkuzi rigwardanti ksur tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat l-atti u noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-Korporazzjoni konvenuta.

**Ikkunsidrat**

**Fatti**

Din hi kawza ta' stharrig amministrattiv taht l-artikolu 469 tal-Kap. 12. Bhala fatti jirrizulta illi s-socjeta attrici ghamlet applikazzjoni f'Lulju 2009 biex tibbenefika minn skema ta' fondi Ewropej bhala grant li tinkoragixxi lil kumpaniji jsibu swieq barranin. L-istess socjeta giet approvata ghall-iskema fl-1 ta' Dicembru 2009 bil-kondizzjonijiet elenkati fl-istess ittra ta' approvazzjoni (ara fol. 11 et seq. tal-process). B'din il-grant is-socjeta attrici kienet ser tibbenefika minn percentagg ta' spejjez sa somma massima, minfuqa mill- istess biex tippromuovi l-kummerc taghha fi swieq barranin. Skond ix-xhud Jospeh Azzopardi, head of incentives management u head of incentives administration fil-Malta Enterprise li xehed fil-proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva (ara fol. 68 et seq. tal-process) il-progett approvat mill-iskema sar fiz-zmien stipulat u saret applikazzjoni ghal hlas cioe 'claim' fl-20 ta' Lulju 2011 (li ghandha taqra 27 ta' Lulju 2011 skond kif jirrizulta mid-dokument SRHL07 a fol. 33 prezentat mis-socjeta attrici). Sadattant pero nqalghet kwistjoni dwar kundanna ta' multa u habs ta' zewg diretturi tas-socjeta attrici ghal frodi fuq il-VAT permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-14 ta' Lulju 2011 (fol. 87 tal-process) u din ikkrejat problema mill-Ministeru koncernat u riperkussjonijiet

negattivi fuq il-fondi kollha li kienu qed jigu mill-Unjoni Ewropea u t-talba nzammet 'on hold'. Hu jzid li sar internal verification tal-claim u gie accettat grant value ta' €28,495 pero kollox jinsab wieqaf. Huma qatt ma taw xi raguni lis-socjeta attrici dwar dan il-waqfien.

Karl Herrera, chief officer incentives manager fil-Malta Enterprise wkoll ikkonferma illi sallum ma ntbaghtet ebda korrispondenza lis-socjeta attrici dwar il-claim taghha ta' Lulju 2011 u skond hu din il-claim baqghet mhux processata.

Jirrizulta illi ttiehdu proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva mis-socjeta attrici ghal hlas dovut lilha mill-Malta Enterprise u n-nuqas li tirrispondi ghall-interpellazzjonijet li sarulha bhala nuqqas serju amministrattiv. It-Tribunal b'sentenza tal-24 ta' Settembru 2012 cahad it-talba attrici ghax il-Malta Enterprise ma kinitx ghadha wettqet ebda att amministrattiv li jista' jaqa' taht skutinju tat-Tribunal billi ebda decizjoni dwar it-talba attrici ghar-rifuzjoni tal-hlasijiet minnha maghmula ma kienet ghadha ttiehdet mill-istess Malta Enterprise (fol. 36 et seq. tal-process).

Sussegwenti ghal din id-decizjoni ntbaghtu erba' ittri mis-socjeta attrici lil Malta Enterprise datati 22 ta' Ottubru 2012, 2 ta' Novembru 2012, 15 ta' Marzu 2013 u 2 ta' Settembru 2013 fejn il-Malta Enterprise giet mitluba tirrispondi ghat-talba ghal hlas ta' rimbors ta' spejjez skond il-ftehim tal-1 ta' Dicembru 2009. Pero l-Korporazzjoni konvenuta baqghet ma rrispondietx ghal ebda ittra u s-sitwazzjoni baqghet l-istess sal-prezentata tal-kawza fl-20 ta' Novembru 2015.

**Eccezzjoni li l-ittra interpellatorja tad-29 ta' April 2011 ma hiex rifjut ghax ma kinitx ghadha giet sottomessa talba ghal hlas u ma hemmx ghemil amministrattiv kif irid l-artikolu 469A**

L-ewwel parti tal-eccezzjoni ma fihiex mertu in kwantu l-ittra ta' April 2011 ma hiex rifjut imma talba ghal hlas. L-azzjoni attrici mhix ibbazata fuq l-ittra interpellatorja tad-29 ta' April 2011 izda fuq sensiela ta' avvenimenti li sehhew wara cioe l-kawza quddiem it-Tribunal ta' Stharrig Amministrattiv u in segwitu ghas-sentenza tat-Tribunal, l-ittri interpellatorji ta' Ottubru 2012, Marzu 2013 u Settembru 2013 fejn il-

Malta Enterprise ntalbet taghti risposta ghat-talba tas-socjeta attrici ghal hlas tar-rimbors ta' spejjez skond il-ftehim dwar is-sussidju ffirmat bejn il-partijiet fl-1 ta' Dicembru 2009.

Ma hemmx dubju illi l-eghmil amministrattiv allegatament kontestat mis-socjeta attrici jikkonsisti fil-fatt illi l-Korporazzjoni naqset li tadempixxi ma' obbligi legali li kien jinnecessita decizjoni amministrattiva. Pero dan jikkontrasta mal-vera kontestazzjoni f'din il-kawza. It-talba attrici fil-mertu hi wahda cara cioe n-nuqqas tal-Korporazzjoni li taghti widen ghat-talba ta' rimbors maghmula skond ftehim raggunt bejn il-partijiet ghal liema talba maghmula ripetutament, is-socjeta attrici ma nghatat ebda risposta. In-nuqqas ta' risposta ghall-ittra interpellatorja tas-socjeta attrici fil-fehma tal-Qorti mhix eghmil amministrattiv kif irid l-artikolu 469 tal-Kap. 12 izda nuqqas ta' adempiment ta' obbligu kontrattwali car naxxenti minn ftehim bil-miktub tal-1 ta' Dicembru 2009. Ma kien hemm ebda eghmil amministrattiv fin-nuqqas tal-Korporazzjoni izda nuqqas li taderixxi ghal obbligi li hi assumiet permezz ta' skrittura. Il-lanjanza attrici ma kinitx tinkwadra ruhha fil-parametri ta' revizjoni ta' decizjoni amministrattiva izda biss kontestazzjoni civili dwar hlas dovut skond ftehim raggunt fejn ir-rimedju hu dak normali ghal vertenzi fuq nuqqas ta' hlas skond ftehim pattwit.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni li ma kien hemm ebda eghmil amministrattiv fin-nuqqas ta' risposta ghat-talbiet attrici ghal hlas hi misthoqqha u ghandha tigi milqugha.

**Eccezzjoni li l-azzjoni hi perenta**

Il-Qorti tqis li stante dak deciz bl-ewwel eccezzjoni l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tinoltra f'din l-eccezzjoni. Pero ghal kompletezza anki kieku ghal grazzja tal-argument jitqies li n-nuqqas ta' risposta ghat-talba ghal hlas jitqies rifjut ghat-talba liema rifjut jinsorgi minn eghmil amministrattiv, l-azzjoni attrici hi perenta skond il-ligi taht l-artikolu 469.

Il-Korporazzjoni konvenuta tissottometti illi l-azzjoni ta' stharrig gudizjarju ta' eghmil amministrattiv kif proposta hi perenta a bazi tal-artikolu 469A(3) liema artikolu jghid

illi kawza biex twaqqa eghmil amministrattiv ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, b'dak l-eghmil amministrattiv. Jibda biex jinghad illi l-perjodu li fih tista tinfetah kawza ghandu jtiqies bhala perjodu ta' dekadenza. Il-ligi timponi zmien legali li fiha tista' titressaq azzjoni u zminijiet legali mhumiex prorogabbli.

Jekk il-kawza ma ssirx fiz-zmien stipulat ghalhekk isegwi li min mexxa l-azzjoni ma mexiex ma' dak li trid il-ligi u l-procedura hi invalida u titqies qisha qatt ma saret. Att gudizjarju pprezentat barra miz-zmien iwassal ghall-irritwalita tieghu u konsegwentement in-nullita tieghu fil-konfront tal-konvenut.

F'dan il-kaz hu ferm car illi l-ewwel talba attrici li minnha jsegwu t-talbiet sussegenti hi bazata fuq ir-rifjut tal-Awtorita minhabba nuqqas ta' risposta. Hi n-nuqqas ta' risposta il-pern tal-kwistjoni. Is-socjeta attrici baghtet diversi interpellazzjonijiet cari u diretti lil Korporazzjoni konvenuta ghal hlas dovut lilha u ma nghatatx risposta. Sahansitra saret kawza quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fejn hareg car mix-xiehda, in parti riprodotta sintetikament f'din is-sentenza, illi r-raguni ta' nuqqas ta' decizjoni ghat-talba attrici ghal hlas kien gej minn problema li l-Korporazzjoni kienet qed tiffaccja mill-Ministeru koncernat u l-Unjoni Ewropea dwar il-kundanna penali tad-diretturi tas-socjeta attrici fuq frodi ta' taxxa u l-impatt negattiv fuq ghoti ta' grants gejjin mill-Unjoni Ewropea.

Kwindi s-socjeta attrici, wara s-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva kein gia jaf bin-nuqqas ta' tehid ta' decizjoni u nonostante dak li ntqal mit-Tribunal fl-istess sentenza u l-ittri interpellatorji cari tas-socjeta attrici, bl-ahhar wahda dik tat-2 ta' Settembru 2013, l-istess socjeta attrici baqghet inerti u istitwiet l-prezenti kawza fl-20 ta' Novembru 2015, cioe aktar minn sentejn wara l-ahhar interprellazzjoni. Anki jekk ghal grazzja tal-argument jittiehed id-data tal-interpellazzjoni l-ahhar ittra tas-socjeta attrici lil Korporazzjoni cioe Settembru 2013, u ghaddew xahrejn kif trid il-ligi biex in-nuqqas ta' decizjoni jitqies bhala rifjut, il-kawza saret ben oltre s-sitt xhur li l-ligi timpani biex jitqies li l-kawza a bazi tal-artikolu 469A saret fit-terminu impost mill-ligi.

Ghalhekk din l-eccezzjoni hi ben fondata u ghandha tigi milqugha.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' it-tieni eccezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta li ma sar ebda eghmil amministrattiv ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 u, bla pregudizzju u ghal kompletezza ta' dak kollu dibattut f'din il-vertenza, tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta li l-azzjoni attrici hi perenta ai termini tal-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 u ghalhekk improponibbli. Spejjez huma a karigu tas-socjeta attrici.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur